# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 334/2019

**Il-Pulizija**

**vs**

**Joseph Spiteri**

Seduta tal- 1 ta' Marzu, 2021

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Joseph Spiteri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 682562M quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar id-9 t'April, 2018 u l-10 ta' April, 2018 gewwa Triq il-Qrendi, Zurrieq volontarjamnet hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn €250 izda inqas minn €2,500 ghad-dannu ta' Mario Farrugia, Maria Milva Farrugia u Marianno Farrugia.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-5 ta' Dicembru, 2019 li biha sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni u kkundannatu ghal tmien (8) xhur priguneriјa li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kienu sospizi ghal sena (1), u wara li rat l-Art 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ordnat lill-imputat Joseph Spiteri jhallas l-ammont ta' disa' mija u ghoxrin ewro (€920) lill-parte civile fi zmien sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Spiteri, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-12 ta' Dicembru, 2019, li bih talab lil din il-Qorti jogghobha tirrevoka, thassar, tibdel u tannulla s-sentenza tal-5 ta' Dicembru, 2019, moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) u tilliberah minn kull htija u piena skont il-Ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat

1. Illi t-tielet aggravju tal-appellant huwa wiehed li ghandu jkun deciz qabel l-aggravji l-ohra ghaliex hu wiehed ta' natura preliminari u dan jaqra hekk:

> Illi bla pregudizzju ghall-premess, hemm diversi proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali presjeduta mill-Onor Magistrat Dr. Clare Stafrace Zammit, fil-konfront ta' Alan Farrugia, Mariano Farrugia u Mario Farrugia ghal

hsara allegatament imwettqa fil-proprjeta tal- esponenti, fejn jirrizulta mill-atti, illi l-esponenti u s-Sinjuri Farrugia kienu qeghdin jahfru lil xulxin ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront ta’ xulxin;

Illi fis-seduta tal-5 ta’ Dicembru 2019, meta giet moghtija s-sentenza fil-kawza fl-ismijiet premessi, il-kawzi fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alan Farrugia, Il-Pulizija vs Mariano Farrugia u il-Pulizija vs Mario Farrugia gew differiti ghal digriet mill-Magistrat sedenti dwar jekk ghandhomx jigu mahfura l-proceduri kollha;

Illi jekk ikun il-kaz li l-Qorti tal-Magistrati tiddegreta illi l-mahfra bejn il-partijiet inghatat ghall-proceduri kollha, id-digriet ghandu japplika ukoll ghal dawn il-proceduri;

2. Illi in konessjoni ma’ dan l-aggravju, l-appellant rregistra s-segwenti osservazzjoni waqt l-udjenza tat-18 ta’ Jannar, 2021;

Dr. Pulis ghall-appellant tirrileva li fil-proceduri kontra Adam Farrugia et., l-appellant kien parte civile u dik il-kawza kienet miexja kontestwalment mal-proceduri li waslu quddiem din l-Onorabbli Qorti. Ghaldaqstant is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati appena esebita kellha tapplika ukoll ghall-appellant stante li l-parte civili u l-imputati fiz-zewg kawzi kienu rrinunzjaw reciprokament ghall-ilmenti taghhom;

3. Il-Parte Civile wiegeb bil-mod segwenti:

Dr. Franco Galea ghal-parte civile jirrileva li f’dan l-appell ma jissustix il-kaz ta’ res gudikata ghaliex biex ikun hemm res gudikata mhux biss irid ikun hemm l-istess partijiet imma ghall-anqas jekk mhux mill-istess akkuza l-akkuzi iridu jkunu naxxenti mill-istess fatti. Minn harsa lejn l-atti wiehed malajr jintebah li hawnhekk si tratta ta’ dati differenti, akkuzi differenti u mertu differenti u ghalhekk f’dan il-

kaz u cioe' f'dan l-appell ma jezisti l-ebda kaz ta' res gudikata li jaghti lok ghal eccezzjoni tan-ne bis in idem;

4. Illi minn dak li tista' tifhem il-Qorti, l-appellant qieghed jilmenta li jekk kien hemm mahfra bejn il-partijiet, allura din kellha tapplika ukoll fil-konfront tal-appellant u l-proceduri kellhom ikunu ezawriti u mhux tinghata sentenza fil-konfront tieghu. Il-Qorti tawgura illi din hija l-lanjanza tal-appellant ghaliex frankament il-mod kif inhi redatta ftit li xejn tista' tiftiehem b'mod partikolari meta taghmel referenza ghal-digriet li l-ewwel Qorti kienet ghadha trid tippronunzja;

5. Illi jibda biex jinghad illi kien jispetta lill-appellant jipproduci digriet tal-ewwel Qorti li jghid car u tond li peress illi l-partijiet kienu qed jirrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali, l-proceduri kienu ezawriti, apparti li kellha ssir referenza cara ukoll ghall-liema proceduri dan kien applikabbli. L-appellant esebixxa kopja ta' l-atti processwali kondotti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alan Farrugia u il-Pulizija vs Joseph Spiteri, it-tnejn rigward ingurja u theddid fil-konfront ta' xulxin fit-2 t'April, 2018. Dawk l-atti juru illi l-partijiet kienu ghamlu rinunzja reciproka u ghalhekk l-Qorti kienet ddikjarat l-proceduri ezawriti permezz ta' digriet tal-10 ta' Lulju, 2018;

6. L-appell odjern huwa dwar hsara volontarja allegatament kommessa mill-appellant bejn id-9 t'April, 2018 u l-10 t'April, 2018 u dan ghad-dannu ta' Mario Farrugia, Marianno Farrugia u Maria Milva Farrugia. Gia ghalhekk mal-ebda konnessjoni bejn il-fatti tal-appell odjern mal-proceduri li ghalihom ghamel referenza l-appellant fis-sentenzi minnu esebiti u konsegwentement huwa mankanti l-ewwel element tal-eccezzjoni *ne bis in idem* jekk il-lanjanza tal-appellant tista' tiftiehem f'dan is-sens;

7. Issa, ezaminat l-inkartament tal-appell odjern, ma jirrizultax li l-imputat qatt kien issolleva din il-kwistjoni quddiem l-ewwel Qorti tant illi meta hemm registrat illi l-imputat ghalaq il-provi tieghu, saru sottomissjonijiet u l-kawza kienet thalliet ghas-sentenza. Dak kien fl-udjenza tal-15 t'Ottubru, 2019 meta r-rinunzja reciproka msemmija *supra* fiz-zewg kawzi indikati mill-imputat kienet registrata quddiem l-ewwel Qorti fl-udjenza tal-10 ta' Lulju, 2018. L-eccezzjoni *ne bis in idem*, izda, kienet sollevat mill-imputati Mario Farrugia, Mariano Farrugia u Alan Farrugia fil-proceduri kontra taghhom. Dik l-eccezzjoni kienet milqugha u l-imputati appena msemmija kienu liberati mill-imputazzjoni ta' *raggion fattassi;*

8. Il-Qorti hi tal-fehma illi m'ghandhiex ghalfejn tezamina l-elementi kollha tal-eccezzjoni *ne bis in idem* la darba ma hemm l-ebda konkorrenza fil-fatti. Wisq anqas ma ghandha ghalfejn tinoltra fil-kwistjoni dwar jekk ir-rinunzja fil-kawzi l-ohra ghandhiex ukoll tapplika ghal-imputazzjoni odjerna ghaliex kien jispetta lill-appellant juri minn fejn tirrizulta din ir-rinunzja, haga li baqa' ma ghamilx;

9. Ghal dawn ir-ragunijiet, tirrispingi it-tielet aggravju u tordna l-prosegwiment tal-appell fuq l-aggravji l-ohra.